MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Numru 1035/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Francis Baldwin**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Francis Baldwin ta’ 33 sena bin John u Victoria nee Ellul imwieled Hamrun nhar it-13 ta’ Jannar 1970 u li joqghod St Anthony Flat 2, Triq Mikiel Abela Birzebbugia u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 124970 M.

Akkuzat:

1. talli fil-21 ta' Dicembru, 2003 bejn il-11.00 am u 12.00 am gewwa l-Qajjenza Birzebbugia cioe gewwa r-residenza tieghek St. Anthony Flat 2 Triq Mikiel Abela Birzebbugia fejn inti toqghod ma' Joanne Aquilina u z-zewg uliedha, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed f'periklu car il-hajja ta' Joanne Aquilina u bintha minuri Naomi Aquilina ta' sitt (6) snin ikkagunalhom feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr Jesmond Cassar MD Reg no 1906.

2. talli fl-istess cirkostanzi, data, lok u hin, u fi xhur ta' qabel volontarjament kissirt il-paci pubblika u l-buon ordni bi kliem oxen, ghajjat, storbju jew mod iehor kif ukoll ghidt kliem ta' theddid lil Joanne Aquilina fosthom meta heddidtha li ttiha daqqa bis-sikkina.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Joanne Aquilina u z-zewg uliedha minuri Naomi Aquilina ta' seba' (7) snin u Francesca Aquilina ta' tlett (3) snin u ghal familjari ta' l-istess Joanne Aquilina kif jidhrilha xieraq il-Qorti u dan skond l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar, 2004;

Rat l-atti u d-dokument kollha;

Ikkonsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-verbal fuq citat l-kwerelanta rrinunzjat fil-konfront tal-imputat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli.

Illi l-Qorti rat l-akkuzi u kkontestat illi kkonstat illi huma lkoll prosegwibbli fuq il-kwerela tal-parti. Ghalhekk, stante r-rinunzja, hemm procediment esawrit.

Illi jibqa' biss il-fattur tal-garanzija li l-imputat volontarjament u kondizzjonatament iffirma fl-atti ta' din il-

kawza taht penali ta' Lm100 fil-konfront u ghal favur tal-kwerelanta.

Ghalhekk, fil-waqt li tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja ghall-kwerela, rat l-Artikolu 383 tal-Kap9 u tpoggi l-imputat taht garanzija penali ta' Lm100 ghal perjodu ta' sena li zzomm il-kwiet mal-imsemmija Joanne Aquilina, l-kwerelanta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------